# LEĦEN IS-SOĊJETÀ MUŻIKALI
# SAN LAWRENZ

Mejju - Ġunju2014

Ħarġa nru. 81

## Welcome to BeBirgu!

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@beirgu.com

## Olde City Pub
*is the Best*

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

## Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

*Manufacturers of all types of Wooden Mouldings*

***Showrooms at the Factory and***
***80, St. Joseph High Road, Ħamrun***

**SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS**

## Kejkijiet għall-Parties tat-tfal

Aġħżel bejn Bob the Builder, Barbie, Dora,
Princess, Superman, Hello Kitty, etc.

Ċempel lil Steffi fuq 99426970 jew
e-mail: steffibugeja@yahoo.com

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

# Il-Kelma tal-President

*Lawrence V. Farrugia*

Assistejna għall-funzjonijiet tal-ġranet sbieħ tal-Ġimgħa Kbira u l-Għid fejn fil-Kolleġġjata tagħna jsiru tlett ijiem t' adorazzjoni magħrufa bħala 'il-Kwaranturi'. Minn ċkuniti segwejt dawn il-funzjonijiet li minn dejjem kienu jsiru bl-akbar solennità. Iżżminijiet jinbidlu bħal ma fis-sittinijiet inbidel il-mod liturġiku ta' kif jiġu ċċelebrati dawn il-funzjonijiet. Kultant tisma min jitkellem fuq l-attendenza għaliex wieħed dejjem jistenna attendenza akbar. Tajjeb ngħidu li meta l-funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka u Sibt il-Għid kienu jsiru filgħodu l-attendenza kienet ħafna ifqar mil-lum.

Għandna nieqfu nkejlu r-reliġjon tagħna bin-numri, dak inħalluh għall-gazzetti. Hemm bżonn ta' ħidma kontinwa ta' formazzjoni spiritwali l-aktar fost l- adoloxxenti u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa għaliex dawn huma l-irġiel u n-nisa ta' għada biex meta jieħdu l-istat tagħhom u jkollhom l-ulied jkun jistgħu jiżiru twemmin nisrani veru b'konvinzjoni bħal m'għamlu l-ġenituri tagħna. Ħadd gost li għall-funzjoni ta' Ħadd il-Palm kien hemm grupp sabiħ ta' tfal miċ-Ċentru tat-tgħalim Nisrani tal-Birgu fejn kont edifikat bl-imġieba u d-dixxiplina tagħhom waqt din il-funzjoni li għat-tfal hija naqra twila. It-Tlieta filgħaxija attendejt għall-adorazzjoni u ammirajt numru iva mhux kbir ta' adoloxxenti u żgħażagħ jmexxu bl-akbar devozzjoni siegħa t' adorazzjoni. Kull bidu huwa iebes l-aktar meta fl-imgħoddi forsi ma kienx hemm impenn biżżejjed f'dan il-qasam.

Ngħid li fil-Parroċċa din il-ħidma għandha tkun ta' prijorità flimkien max-xogħol li qed isir fost il-familji mis-Saċerdoti. La qed nitkellem fuq il-Parroċċa tagħna naħseb li nkun qiegħed nesprimi l-fehma ta' ħafna nies oħra li l-ħidma li qiegħed iwettaq l-Arċipriet tagħna bl-għajnuna ta' voluntiera u benefatturi flimkien ma' dik pastorali li għadni kemm semmejt hi waħda kbira. F'dawn it-tliet snin li ilu Arċipriet ħa ħsieb li jsolvi l-problema tal-periklu tal-irħam li kellna fil-pilastri tal-kursija b'mod l-aktar professjonali li ħafna minn ta' qablu qatgħu qalbhom, it-tiswija tal-qniepen u restawr tal-Via Sagra, ħaseb għall-settijiet ta' pjaneti u ħafna xogħol ieħor. Ma rridx ninsa li wara li l-oqsma tal-Mużew kemm tal-bniet kif ukoll tas-subien għalqu l-bibien, l-Arċipriet ħadem mhux ftit biex akkwista post fejn qabel kienet skola u wara li saru t-tiswijiet meħtiega, waqqaf ċentru għat-tgħalim nisrani. Għalhekk nappella biex nibżgħu għal dan l-Arċipriet tant ħabrieki.

Inizjattiva oħra tal-Arċipriet kienet ir-restawr tal-istatwa ta' San Lawrenz li sejra tinġieb fostna nhar l-Ewwel Erbgħa li din is-sena taħbat fit-28 ta' Mejju. Bħal ma dejjem għamel il-kazin tagħna f'kull okkażjoni speċjali tal-Parroċċa, il-Banda tagħna sejra tieħu sehem fil-proċessjoni li se ssir bl-istatwa tal-Missier taghna San Lawrenz b'innijiet Lawrenzjani wara l-quddiesa li sejra ssir fil-pjazza. Nistieden lill-Vittoriosani biex wara d-dħul tal-vara jattendu għal ikla tal-Ewwel Erbgħa li l-Kumitat qiegħed jorganizza ġewwa l-bitħa tal-każin.

Il-ħidma tal-Każin tal-Banda f'dawn il-ġranet kienet ikkonċentrata fuq il-wirja Getsemani u s-servizzi tal-Banda fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' Kristu Rxoxt. Waqt il-ftuħ tal-wirja li saret mill-Onor. Ministru Joe Mizzi, skoprejt l-interess kbir li għandu l-Ministru f'dan il-proġett tant li rrefera b'ċertu dettal għax-xogħol arkitettoniku li hemm fuq il-faċċata. Huwa jrid li x-xogħol jkun tal-ogħla kwalità u li jsir fl-iqsar żmien possibbli. Jiena li kontinwament qiegħed insegwi dan ix-xogħol nifhem għala dan il-proġett qiegħed jieħu tant żmien għar-raġuni li fuq il-faċċata qatt ma saret manutenzjoni u jidher li qabel il-gwerra għamlu xi tiswija bis-siment. Barra minn hekk fin-naħa ta' fuq hemm ħsara fil-ġebel li qiegħed jinbidel u jrid jiġi skolpit fil-lok. Nieħdu paċenzja l-aktar fil-ġranet tal-Festa għaliex mal-faċċata se jkun hemm dak l-armar peress li jidher li mhux possibli li tkun lesta. Kif diġaċ għidna drabi oħra meta tkun lesta se tkun iċ-ċentru t' attrazjoni fil-pjazza ewlenija ta' Beltna.

Dwar is-servizzi tal-Ġimgħa Kbira u l-Għid il-problema hija l-ħlasijiet tal-Bandisti jew aħjar ir-rikatt tal-Bandisti f'dawn il-ġranet li l-Kazin din is-sena minbarra s-sussidju li tagħti l-Knisja ta' €1860, ħareġ €2,900 oħra. Huwa pjacir taghna li nagħtu kontribut u s-sehem tagħna fil-festi prinċipali tal-Parroċċa kif dejjem għamilna, imma f'kollox hemm limitu għaliex ftit xhur oħra jkollna bżonn eluf oħra biex nagħmlu tajjeb għall-ħames servizzi tal-ogħla kwalità li l-banda tagħna tagħmel fil-ġranet tal-festa. Għalhekk hemm bżonn li nħajru aktar żgħażagħ biex jiġu jitgħallmu l-banda u li n-nies tal-Birgu japprezzaw il-kontribut li jagħti l-Każin. Dan huwa mistenni aktar minn dawk li huma nvoluti fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet li fihom tieħu sehem il-Banda.

Għaddiet sena minn meta l-ħolma tagħna li jkollna Bar diċenti u restawr tas-sular ta' isfel saret realtà b'investiment minn Be-Birgu. Ngħid li fl-aħħar sena sar kambjament kbir fl-ambjent tal-Każin u bin-numru ta' Turisti li qegħdin jiġu fil-Każin avolja bl-armar u x-xogħol li hemm fuq il-faċċata. Fi ftit ġranet oħra l-Każin sejjer jibda jiftaħ il-bibien taż-żewġ sulari ta' fuq għat-Turisti biex flimkien mas-souvenir outlet jkollna mezz ieħor ta' dħul finanzjarju.

## Werrej

Il-Kelma tal-President 3
San Lawrenz u l-persekuzzjoni tal-Insara - Il-bieraħ u llum 4
Id-Djakni fil-Knisja - Sejħa għad-Djakonija (ikompli) 5
Mill-Birgu tal-Imgħoddi Ferħ jinbidel f'niket 6
Inħarsu 'l quddiem 7
Attivitajiet fix-xhur li għaddew 8
Miġja tal-Istatwa ta' San Lawrenz 9
Għalina n-Nisa 10
Il-Garage fejn jintrefa' l-Planċier 11
Wiċċ Imb'Wiċċ ma' Lawrence Pisani 12-13
Attività għax-xahar ta' Mejju/Ġunju 14

***Editur***
Simon Farrugia

***Proofreading***
Bjorn Callus

***Ritratti***
Melvin Degiorgio
Lawrence Parascandolo
Elton Randich
Karmenu Scicluna

**Ritratt Faċċata**
L-istatwa titulari ta' San Lawrenz li ser tinġieb lura mir-restawr nhar l-ewwel Erbgħa 28 ta' Mejju 2014

**Stampat**

Triq l-Industrija, Qormi
Tel: 21 250 994 Mob: 9949 0344
printright@onvol.net

# San Lawrenz u l-persekuzzjoni tal-Insara - Il-bieraħ u llum

minn George Cilia

Fil-kappella ta' Aragona fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, naraw f'waħda mil-lunetti l-pittura tal-Mattia Preti li tirrapreżenta l-aħħar laqgħa tal-Papa Sistu II mad-djaknu Lorenzu. B'ħeġġa kbira, bla biża, il-Levita Lorenzu ppreżenta ruħu quddiem il-manigoldi sejrin lejn il-Kalzri mamertinu bil-Papa marbut flimkien ma' nsara oħra kalzrati. Fil-kitba ta' San Ambroġ insibu konversazzjoni qasira fuq il-firda tal-missier minn ibnu.

**Lorenzu**
Fejn sejjer, missier
Mingħajr ma' tieħu miegħek?
Lill-iben maħbub tiegħek?
Għaliex warajk tħallina
Tal-knisja kbir qassis
Lili qaddej għażiż?

**Sistu**
M'iniex sejjer nitilqek
Dalwaqt tiġi warajja
Minna mhuwiex imbiegħed
It-tmiem ta'din il-ħajja

**Lorenzu**
Sakemm tarana miegħek
Fl-għamara tal-ħenjin
L'Alla flimkien inħobbu
Waqt li ngawduk kull ħin
Agħtina l-barka tiegħek
Missier, qabel tħallina
Mill-Ġenna li ser tirbaħ
Kompli itlob għalina

**Sistu**
Iżda taqbida ħarxa
Int għadek trid tissielet
Biex rebbieħ minn hawn titlaq
Għall-ħajja oħra titwieled.

Tlett ijiem wara l-laqgħa wiċċ imb'wiċċ ta' Lorenzu mal-Papa Sistu II waslet il-ġurnata, kienet l-Erbgħa 10 t'Awwissu tal-martirju fuq il-gradilja b'nar bati għall-Prinċep tal-Martri.

Id-duttur kbir tal-Knisja Santu Wistin jiġbor u jfisser il-martirju hekk: Fil-ħajja ta' kull bniedem hemm ġlieda kbira bejn żewġ kurrenti jew żewġ influenzi. Waħda li hu jsejħilha l-Belt tad-dinja, dik li tinbena meta wieħed iħobb id-dinja u jasal saħansitra biex jobgħod jew jistmerr lill-Alla li ħalqu. Inkella l-Belt l-oħra, dik tal-Ġenna, li tinbena meta wieħed iħobb lill-Alla tant li donnu jobgħod lilu nnifsu.

Fis-Soċjeta' Rumana tas-Seklu Tlieta, ħutna l-Insara kienu qed jgħixu din it-taqbida bejn il-belt tad-dinja u l-belt t'Alla mill-qrib. Din il-belt tad-dinja ma' kienetx tittolera lil dawk li ma' jħaddnux l-istess twemmin tagħha. Kien għalhekk li skond ma' jikteb San Ċiprijanu, l-Imperatur Valerjanu nieda sensiela ta' persekuzzjonijiet fis-sena 257, li kellhom iwasslu lill-Arċidjaknu Lawrenz isofri l-martirju tal-gradilja flimkien ma' tant Insara oħra. Fil-kilba tal-Imperaturi Rumani għall-kontroll tad-dinja, fil-faqar ta' moħħom ma' ħallihomx jaraw lill-Knisja ta' Ġesu Kristu ħlief bħala theddida.

Għaddew aktar minn 1,700 sena minn dak in-nhar tal-martirju ta' Lawrenz u sħabu, anzi minn żmien Kristu l'hawn ma'kienx hawn ġenerazzjoni waħda ta' Nsara f'xi parti tad-dinja li ma' sofrietx xi forma ta' persekuzzjoni. Il-Belt tad-dinja għadha tissielet kontra l-Belt tal-ġenna. Bosta nsara madwar id-dinja għadhom sal-lum ibagħtu minħabba fl-istqarrija f'isem Sidna Ġesu Kristu. Illum teżisti kultura ta' suspett kontra l-Knisja Kattolika, billi kull akkuża ġusta jew inġusta tiġi dejjem mogħtija twemmin mill-kritiċi tal-Knisja, filwaqt li ebda spjegazzjoni tajba kemm hi tajba favur il-Knisja ma' tidher suffiċjenti.

Il-persekuzzjoni kontra l-Insara m'għadiex bħal dik taż-żmien l-Imperaturi Rumani, bit-tixrid tad-demm jew kastigi ħarxa, iżda hija aktar sottili kontra r-Reliġjoniijiet fid-dinja. L-aktar waħda ħarxa hija mxaqilba lejn il-Kristjani. Il-Belt tad-dinja minflok tirbaħna bit-theddid, tirbaħna bil-kliem ħelu u żegħil, tifirxilna xibka ta' kumdita u zokkor. Il-Papa preżenti spiss jitkellem fuq id-dritt li għandhom dawk kollha li jemmnu biex jeżerċitaw it-twemmin ħieles tagħhom bla ebda tfixkil ikunu fejn ikunu.

Fil-jum taċ-ċelebrazzjoni tal-martirju Lawrenzjan nitolbu li bħalma għaraf x'kienu x-xewqat tas-Soċjeta' ta' żmienu u waqfilhom bi qlubija liema bħala, ma' nħalluhix tidhaq bina anżi ngħelbu kull tfixkil mgħaġun mill-għedewwa tagħna.

**TALBA**
Stampa fil-qalb tagħna
Il-ġrieħi li ġarrabt
Ħa jidhru fuqna b'għemil tar-rebħa tagħna
Is-sinjali tar-rebħa tiegħek

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

# Id-Djakni fil-Knisja - Sejħa għad-Djakonija

**(IT-TIENI PARTI) - ikompli mal-ħarġa li għaddiet**

minn Fr Charles Buttigieg

## Ir-Rit tal-Ordinazzjoni tad-Djakonat

L-Ordni tad-Djakonat hu l-ewwel grad tas-sagrament tal-Ordni Sagri. Il-Papa Piju XII fis-'Sacramentum Ordinis' tal-l947 jgħid li s-sagrament tal-Ordni Sagri għandu tliet gradi; id-Djakonat, il-Presbiterat u l-Episkopat. Hija l-Konsagrazzjoni Episkopali tal-Isqof li hi l-milja tas-sagrament tal-Ordni Sagri u għalhekk id-djakni u s-saċerdoti għandhom ikunu dejjem f'għaqda mal-Isqof.

Għalhekk id-djaknu jwettaq id-djakonija tiegħu billi qiegħed għas-servizz u għall-qadi tal-Knisja. Huwa jħabbar u jxandar il-Kelma t'Alla tal-Vanġelu, jista' ukoll ifisser din l-istess kelma t'Alla u jwassal l-Ewkaristija lill-morda. Fuq kollox id-djaknu minbarra li jgħammed jista' ukoll jassisti għas-sagrament taż-żwieġ. Għalhekk id-djakonija hija marbuta mal-liturġija u mal-karità. Din hija l-missjoni tad-djaknu fil-Knisja.

## Id-Djakonat Femminili fil-Knisja Griega u Kopta

L-ewwel nett tajjeb li nsemmu li fil-ministeru ta' San Pawl huwa isemmi d-djakonessi, fil-fatt għandna lil Febe: djakonessa ta' Kenkre, port ta' Korintu, mibgħuta Ruma bl-ittra lir-Rumani. Il-ministeru tagħhom huwa imsemmi fil-kitbiet ta' Klement ta' Lixandra, id-Didaskalija, Origine, Epifanju ta' Salamis, Bażilju ta' Ċesareja, Ġwann Krisostmu, Girgor ta' Nissa. Tajjeb ukoll li ngħidu li għal diversi sekli kemm fil-Lvant u kemm fil-Punent sas-seklu 13 fil-knisja kienet baqgħet teżisti l-figura tad-djakonessi jew 'ministerium feminae' li kienu jippreparaw spiritwalment speċjalment il-katekumeni nisa 'ad ministerium baptizandarum mulierum'. Huma kienu jilbsu l-maforion jew il-velu tal-perfezzjoni. Is-Sinodu Qaddis tal-Knisja Ortodoss tal-Greċja li sar f'Ateni fit-8 t' Ottubru 2004 ivvota favur t-twaqqif tad-djakonat femminili. Kemm Evangelos Theodorou u l-monaku Cipriano Vagaggini kitbu dwar l-ordinazzjoni tad-djakni nisa fil-bidu tal-Knisja. Fl-1907 il-kummissjoni tal-Knisja Ortodossa Russa kienet irreġistrat l-preżenza tad-djakonessi ġewwa Georgia. Anke is-Simposju interortodoss ta' Rodi fl-1988 saħaq: 'l'ordine apostolico delle diaconesse dev'essere fatto rivivere'. Anke d-dokument dwar id-djakonat ppubblikat mill-Kummisjoni Teoloġika Internazzjonali tal-Vatikan fl-2002 kien ammetta li l-kanoni 15 tal-Konċilju ta' Kalċedonja fis-sena 451 jidher jafferma l-ordinazzjoni (cheirotonia) tad-djakonessi għal dawk in-nisa minn erbgħin sena 'il fuq. Insibu l-ordinazzjoni tad-djakonessi fil-Knisja Apostolika Armena. Il-Konċilju ta' Niċeja fis-sena 325 A.D. fid-dawl tal-ereżija ta' Pawlu ta' Samosata jgħid li d-djakonessi m' għandhomx ordinazzjoni (cheirotonia) u huma meqjusin mal-lajċi.

Anke il-Knisja Kopta tħares b'mod pożittiv lejn id-djakonessi fil-monasteri tagħha. Fl-1981 il-Patrijarka Shenuda III kien ordna 180 djakonessa (shammasat). Dan kien ikkonfermat fis-Sinodu Qaddis tal-Knisja Kopta fl-1990-1991. Tajjeb li nsemmi hawnhekk il-preżenza tal-Ordo Viduarum (mibni fuq it-test bibliku tal-armla li tat kulma kella f'Luqa 21:1-4) u tal-Ordo Virginum bħala ħajja kkonsagrata fil-Knisja Kattolika.

## Id-Djakni Permanenti

Tajjeb li ngħidu li 'd-djakni permanenti' li kienu ispirati mill-Konċilju Vatikan II. Fil-fatt kien ġie istitwit wara mill-Papa il-Venerabbli Pawlu VI fl-1972, wara li kienu bdew il-proċessi fl-1967. F'ħafna djoċesijiet fid-dinja, fejn hemm nuqqas ta' saċerdoti, id-djakni permanenti (li ħafna huma irġiel bil-familja) qegħdin iwettqu xogħol pastorali mportanti u qegħdin ikunu ta' għajnuna għall-presbiteri u għall-isqfijiet. L-akbar numri ta' djakni permanenti jinsab fl-Istati Uniti. Min jaf, forsi fil-futur u mhux fil-bogħod, ir-realtà tad-djakni permanenti tkun qed tagħti s-sehem tagħha hawn Malta ukoll. Fil-fatt l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona O.P. tkellem dan l-aħħar dwar din il-possibilità u sabiex jigi ikkunsidrat u jingħata bidu għal dan il-proċess.

***Biblijografija***

Arichea, D., "Who was Phoebe? Translating Diakonos in Romans 16:1", in *The Bible Translator* 39 (1988) 201-209.
Aubert M.J., *Il Diaconato alle Donne?*, Milano 1989.
D'Angelo M.R., "Women patrners in the New Testament", in JFSR 6 (1990) 65-86.
*Diakonia. Church for the Others*, N. Greinacher – N. Mette (eds.), *Concilium* 198/4, 1988.
Ferrari, G., "Le diaconesse nella tradizione orientale", in *Oriente Cristiano* 14/1 (1974) 28-50.
Maddan, W.B., "The office of the Deacon in the Church from the tome of the apostles", in *Indian Journal of Theology* (1959) 59-66.
Mc BRIEN, R.P., *Catholicism,* New York 1994.
Millitello, C., *Donna e ministero. Un dibattito ecumenico*, Roma 1991.
Philsy, S., "Diakonia of Women in the New Testament", in *Indian Journal of Theology* (1979) 110-118.
Taylor, N., "Stephen in History and Tradition", in *Scripture Bulletin* 37 (2007) 21-30.
*"We are your servants". Augustine's homilies on ministry,* J.E. Rotelle (ed.), Philadelphia (PA) 1986.

# Mill-Birgu tal-Imgħoddi

## Ferħ jinbidel f'niket

minn Anton Attard

Fis-snin ta' wara l-gwerra, il-logħba tal-futbol reġgħet lura għall-popolarità li kienet tgawdi fit-Tletinijiet. F'ċerti bliet u rħula kien hemm aktar minn tijm wieħed; fosthom il-Birgu. Lejn l-aħħar tas-snin Erbgħin u l-bidu tal-Ħamsinijiet, f'din il-belt kien hawn tliet timijiet.kompetenti. Il-*Vittoriosa Stars*, kienu jikkompetu b'tijm fit-Tieni Diviżjoni u b'ieħor fit -Tielet Diviżjoni. Fil-bidu, l-i*Stars* kienu allokati fit-Torri ta' San Gwann. Aktar tard kienu marru ħdejn id-*Diana Cinema*, fi Triq Paċifku Scicluna.

Fix-xaqliba tal-Mandraġġ kien hemm it-*Towers*, li kienu jiltaqgħu f'wieħed mill-imħażen ta' taħt is-sorijiet, fuq is-Sur tat-Toqba

Fil-*Menus Bar*; ħanut propjeta' ta' ċertu Guliermu, li kien fejn illum hemm il-faċċata finta quddiem il-Vitorja, fil-Pjazza, kien hemm it- team taż-żgħażagħ - Ir- *Rovers*.

Għadni niftakar l-entużjażmu, is-sodisfazzjon u l-ferħ li kien hemm fil-Pjazza, meta r-*Rovers* kien irnexxielhom dak li, sa dakinhar, ħadd ma kien irnexxielu jagħmel. Kienu rebħu lill-*Floriana Ajax* 1-0, b'goal skurjat minn Lino Bugeja u b'saħħet ukoll is-saves brillanti tal-goalkeeper Ġużi Muliett. L-*Ajax* kien team bi players li, ftit xhur wara, sabu posthom fit-team Furjaniż tal-Ewwel Diviżjoni (il-Premier tallum).

Għalkemm, fl-1951, it-team tal-*Vittoriosa Stars*, fit-Tieni Diviżjoni kien sejjer tajjeb, dak fit-Tielet Diviżjoni, kompost minn għadd ta' players mit-team tat-*Towers* kien sejjer aħjar, għax flimkien ma' Birkirkara, kienu qed jissieltu għar-rebħ ta' Sezzjoni 'A'

Il-Ħadd, 16 ta' Diċembru ta' dik is-sena, kien imisshom jilagħbu kontra Mosta, fix-Schreiber Ground, Raħal Ġdid Dakinhar kienu telgħu ħafna dilettanti, li żgur ħarġu sodisfatti għax l-i*Stars* kienu rebħu 3-1. Iżda dan il-ferħ ma damx wisq, għax wara ftit ħin inbidel f'niket u l-Birgu spiċċa f'luttu.

Sitt żgħażagħ kienu sejrin lura 'l Birgu fil-kaxxa ta' trakk li, meta dan kien qed idur ma' Bieb is-Sultan, ħdejn il-Kulleġġ St. Edward, inbesqu fl-art. Bit-tisbita li ħadu, Ġużeppi Caruana, ta' 32 sena, li kien miżżewweġ, miet fil-post. Bertu Grech, żagħżugħ ta' 15-il sena, korra gravi u miet ftit wara l-isptar. L-isptar kien ittieħed ukoll Fredu Zaffarese, ta' 17-il sena, li nstab li ma kienx weġġa' wisq. Weġġgħu ħafif ukoll kien hemm l-aħwa Wenzu Livori ta' 13-il-sena u ħuh Manwel, sentejn iżgħar minnu.

Snin wara, għalkemm b'mod differenti iżda f'ċirkustanzi jixxiebħu, kienu mietu żewġ supporters ta' *Hibernians*. Dawn baqgħu imfakkrin billi x-*Schreiber Ground* bidlulu ismu u ssemma għalihom – Pace Grasso. Iżda hawn il-Birgu, lil Caruana u Grech baqa' ma fakkarhom ħadd.

**********

## San Bastjan Jitfakkar fil-Birgu Wkoll

Fl-1519, bħal ma ġara kemm-il darba, f'Malta kien hawn epidemja qalila tal-pesta. Skont l-istoriku G.F. Abela, din l-ewwel ma bdiet kien fil-Birgu. Żied li r-raġuni li bdiet hawn kienu l-kuntatti li n-nies ta' din il-belt kien ikollhom mal-ħafna barranin li kienu jiġu fuq ix-xwieni u jsorġu fi xtutu.

Flimkien mat-talb li sar tul l-epidemja, aktarx li saru wkoll xi wegħdi. Fost dawn kien hemm il-purċissjoni penitenzjali mill-Imdina għaż-Żejtun, nhar San Girgor u l-bini ta' żewġ knejjes iddedikati lil San Bastjan, wieħed mill-qaddisin protetturi kontra din il-marda. Waħda kienet inbniet fir-Rabat tal-Imdina u l-oħra fil-Birgu.

Dik fil-Birgu kienet inbniet viċin il-Knisja ta' San Lawrenz. Aktar tard kellha tinhatt meta bdiet tinbena l-knisja tallum. Din kienet bejn fejn illum hemm il-kampnar il-qadim u l-Kappella ta' Santa Katerina.

Izda jekk fir-Rabat San Bastjan baqa' mfakkar, bil-knisja li għadha wieqfa sallum, fil-Birgu baqa' ma ntesiex anqas. Qrib fejn kien hemm il-knisja tiegħu, fil-knisja parrokkjali nsibuh flimkien ma' Santu Rokku u San Pawl fil-kwadru tal-Paladini. Insibuh ukoll f'wieħed mill-kwadri laterali, fil-Kappella tas-Sagrament, xogħol tajjeb ħafna mill-pinzell ta' Mikiel Busuttil.

# Inħarsu ’l quddiem .....

*minn Bjorn Callus - Segretarju*

Żgur li mal-ewwel daqqa t’għajn l-ewwel mistoqsija tkun lejn x’hiex irridu nħarsu? Wieħed forsi jiġuh f’moħħu l-festa, jew inkella l-Ewwel Erbgħa ta’ San Lawrenz li tinsab prattikament magħna. Iva, dawn żgur irridu narawhom ħalli niċċelebrawhom b’suċċess, anke fl-okkażjoni speċjali li għandna din is-sena. Peroċ nitkellem iktar tard fuq dawn.

Nħarsu ‘il quddiem għaliex żgur ma nixtieqx inħares lejn il-passat li għadu kif għaddha. Iva, qed nirreferi għall-Ġimgħa l-Kbira. Fil-waqt li l-Festa ta’ Kristu Rxoxt irnexxielna nagħmluha suċċess u waħda mill-ikbar, il-Ġimgħa l-Kbira qegħdin snin kbar lura meta nikkumparaw ma’ ħaddieħor. Kulħadd jaf x’naħseb jien, kulħadd jaf x’inhuma l-problemi, kulħadd jaf x’inhuma s-soluzzjonijiet. M’inhix ser ninħela iżjed. Peroċ, jtini l-biki meta nara il-flus li jonfoq il-każin tal-Banda sabiex jonora bl-aħjar mod possibbli dan is-servizz tal-Ġimgħa l-Kbira, li hu iebes ħafna minħabba l-ammont ta’ daqq li jkun hawn. U nibki għaliex fil-waqt li ninsab ċert iktar minn 100% li l-isforzi kollha li nagħmlu għal dan il-Jum mhux qed jiġu apprezzati xejn, il-banda tagħna qed titgawda mill-ftit nies, il-maġġoranza tagħhom tal-lokal, li jkunu l-Birgu biex jaraw il-purċissjoni.

Żgur li mhux qed nieħdu farka mill-potenzjal li għandna f’din il-ġurnata, u għaldaqstant nemmen li kważi hi ġennata li qed naslu biex nonfqu dawk il-flus sabiex il-purċissjoni tagħna tkun akkumpanjata mill-Banda, meta ma jkun hawn kważi ħadd jaraha. Jien li nħobb dak kollu li għandu x’jaqsam mal-Birgu hi weġgħa ta’ qalb. Forsi mhux kulħadd iħoss bħali u komdu jħalli l-istatus quo. Ċert li bħali hawn il-maġġoranza ta’ min hu dilettant f’Beltna. Il-Ballun f’saqajn min jikkmanda. Nħarsu lejn il-Festi tal-Ewwel Erbgħa ta’ San Lawrenz. Din is-sena ser tkun speċjali bil-miġja lura tal-istatwa mir-restawr, u nemmen li ser niċċelebrahwa b’mod tajjeb. Peroċ jekk irriduha tkun suċċess, irridu nirreklamwha u ntuha pubbliċitaċ, ħalli kull Vittorjożan ikun jaf x’ser jiġri. Ilkoll nafu kemm għandna Vittorjożani jgħixu barra l-Birgu, u narawhom kollha l-Birgu nhar it-8 t’Awwissu, u fl-10 t’Awwissu filgħodu u filgħaxija. Għaldaqstant, dawn iridu jkunu infurmati x’ser ikun qed jiġri propju fl-Ewwel Erbgħa ta’ San Lawrenz ta’ din is-sena.

Immedjatament kif tgħaddi l-ewwel Erbgħa ta’ San Lawrenz, jibda contdown għall-Festa. Countdown li għal min hu nvolut diġaċ beda. Fil-fatt, diġaċ qed naraw l-ewwel armar ħiereġ fit-toroq. Min-naħa tal-każin tal-Banda, ninsabu fil-fażi li qed ngħalqu numru t’affarijeit relatati mal-banda, bħal Programm tas- 7 t’Awwissu, librett ġdid tal-marċijiet, bandisti li ser ikollna l-festa u diversi affarijiet oħra. L-appell tiegħi f’dan ir-rigward hu wieħed: il-festa hi l-ikbar ċelebrazzjoni u l-iktar ħaġa għażiża li għandha Beltna. Ejjew nieħdu ħsiebha u mhux infarrkuha u nitilfuha, għax jekk tintilef, ma tinġieb qatt lura. Hemm bżonn li nkomplu nsaħħuha, u nippjanaw għall futur, u iva nadattaw ukoll rwieħna għall-isfidi tal-lum il-ġurnata. Ktibt diversi drabi dwar sostenibilitaċ. Ninsab ċert li jekk issir sforz komuni flimkiien mal-Poplu Vittorjożan naslu għal dan l-għan. Tislijiet.

hsbc.com.mt
2380 2380
HSBC
Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444

## Wirja 'Ġetsemani'

Nhar il-Ħamis 10 t'April, 2014 il-Ministru Joe Mizzi fetaħ uffiċjalment il-Wirja 'Ġetsemani'. Kien fl-1994 li saret din il-wirja għall-ewwel darba fil-Palazz tas-Soċjeta' fejn din is-sena ħabat l-20 Anniversarju mill-bidu tagħha. Wara diskors ta' introduzzjoni mill-President tas-Soċjeta', il-Ministru Mizzi fil-kelmtejn tiegħu faħħar l-impenn tal-volontarjat u d-dedikazzjoni sabiex isiru wirjiet ta'din ix-xorta. It-tberik ta'din il-wirja sar mill-Wisq. Rev. Arċipriet Joe Cilia. Fost il-personalitajiet distini li żaru l-wirja kien hemm il-Kap tal-Opposizzjoni Simon Busuttil.



## Għotja ta' strument lill-Banda Vittoriosana San Lawrenz

Nhar Ħadd il-Għid il-Kumitat tas-Soċjeta' Mużikali San Lawrenz ġie ppreżentat bi strument mużikali minn Ashley Garbaccio li hija t-tifla ta' Louis u Donna Garbaccio mill-Istati Uniti. Bħala ammiraturi tal-Banda tagħna l-familja Garbaccio ppreżentat klarinett Selmer sabiex ikun jista jintuża mill-iskola tal-mużika tas-Soċjeta'. Il-presentazzjoni saret lill-President is-Sur Lawrence V. Farrugia fil-presenza tas-Segretarju s-Sur Bjorn Callus.

## Ħarġa fil-ġżira t'Għawdex

Nhar il-Ġimgħa 2 ta' Mejju ġiet organizzata ħarġa għal Għawdex għall-Irġiel. Grupp sabiħ ta' membri u bandisti tas-Soċjeta' irħewla lejn il-ġżira tattlett għoljiet fejn f'atmosfera familjari għaddew ġurnata flimkien. Wara quddiesa għall-grupp kien hemm żjarat f'postijiet t'interess madwar Għawdex, l-ikla ta' nofs in-nhar fix-Xlendi u mumenti ta'rilassament. Attivitajiet li dejjem huma mfittxxija kull meta jiġu organizzati.

# MIĠJA TAL-ISTATWA TA' SAN LAWRENZ

Wara restawr professjonali li sar minn Reno Bugeja ta' Prevardi, kumpanija rinomata fir-restawr, nhar l-Ewwel Erbgħa 28 ta' Mejju, 2014 fis-6.00pm l-Istatwa titulari ta' San Lawrenz toħroġ proċessjonalment mill-Oratorju tal-Kurċifiss flimkien mal-Kleru u r-Reverendu Kapitolu tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fejn tiġi milqugħa bid-daqq ta' l-Innu Popolari mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz.

Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni fil-pjazza ewlenija ta' Beltna Fis-7.15pm Proċessjoni bl-istatwa ta' San Lawrenz akkompanjata mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz bil-kant ta' innijiet Lawrenzjani li tgħaddi mit-toroq San Filippu, La Vallette, Pjazza r-Rebħa, Nestu Laiviera u San Lawrenz. Fit-8.30pm Dħul tal-vara, daqq tal-antifona, barka sagramentali u bews tar-relikwija.

Nappellaw biex nattendu numeruzi u ngħidu lil qrabatna li joqogħdu barra mill-Birgu biex nilqgħu bil-kbir fostna lill-Padrun ta' Beltna San Lawrenz . Kulħadd mitlub li jixgħel il-gallerija

**Niċċelebraw il-miġja ta l-istatwa ta' San Lawrenz flimkien wara d-dħul tal-proċessjoni nhar l-Erbgħa 28 ta' Mejju b'Ikla Familjari fil-bitħa tal-Każin mad-daqq tal-marċi ferrieħa tal-Banda.**

**3 course meal – Prezz € 14**

**Ikkuntatjaw lill- Kaxxier Oscar Adami jew lil Eugenio Pellicano għal aktar dettalji**

# Għalina n-Nisa

## riċetta Għaġin bic-Cherry tomatoes

### Ingredjenti

**500g farfalle imsajra**
**375g għaġin (penne, makkarunelli, eċċ)**
**200g cherry tomatoes maqsumin min-nofs**
**2 imgħaref pesto**
**mgħarfa ħall abjad tal-inbid**
**2 imgħaref kappar**
**2 inċoviet maqsumin biċċiet**
**2 imgħaref tursin u ħabaq imħalltin flimkien**
**Melħ u bżar**
**ġobon parmiġġjan maħkuk għall-wiċċ**

**Metodu:**

1. Sajjar l-għaġin skont kif ikollok fuq il-pakkett.
2. Poġġi ċ-cherry tomatoes taħt il-grill li jkun diġa msaħħan minn qabel u ixwi għal xi ħmistax-il minuta jew sakemm jinxtew tajjeb.
3. Poġġi l-pesto, il-ħall, il-kappar, l-inċova u l-ħxejjex aromatiċi ġewwa food processor jew blender u ħawwad (mhux iżżejjed), ħalli l-ingredjenti jibqghu kważi jidhru meta jitħalltu mal-għaġin.
4. Ħawwad din it-taħlita mal-għaġin kif ikun jaħraq flimkien mat-tadam. Ħawwar bil-bżar u l-melħ u servi bil-ġobon maħkuk. Jekk trid, servi ftit insalata ħadra miegħu.

# Il-ħxejjex u l-mediċini

### Il-ħabaq
Dan jgħinek biex jekk tħossok nervuża u ma tkunx tista' torqod, tikkalma. Il-ħabaq jikber anki f'qasrija f'hoġor it-tieqa. Jekk ikun qribek, tkun tista' taqta' mill-weraq biex iżżidu mat-tisjir.

### It-tursin
Dan fih kemm vitamin kif ukoll minerali li huma tajbin għan-nervi. Uzah biex iżżejjen il-platt, ferrex kemm trid fuq l-insalati, il-ħut, it-tjur kif ukoll fuq ikel bil-bajd u soppa.

### Is-sagħtar
Dan iservi bħala toniku għan-nervi u jagħmel tajjeb jekk jiżdied mas-soppa u l-istuffat.

### Klin (rosemary)
Jgħin fid-diġestjoni u meta tkun ansjuża, jew taħt stress u tensjoni. Tajjeb mat-tiġieġ u mal-ħaruf.

# IL-LEWŻ

Il-lewż ibaxxi l-kolesterol u z-zokkor fid-demm. Fih l-ammino acids biex isaħħu l-muskoli. Fih ħafna Vitamina E li tgħinek kontra l-ħsara li tkun ġejja mix-xemx. Fi studju li sar, instab li dawk li kienu jikkunsmaw mal-20 lewża kuljum u jkunu esposti għax-xemx kienu jinħarqu inqas minn dawk li ma kienu jieklu lewż xejn. Minħabba l-Vitamina E hija antioxidant tgħinek biex iżżomm l-arterji meħlusin mill-perikli. Jekk ikollok livell baxx ta' Vitamina E, jingħad li l-memorja tbati. Jaqbel li żżomm ftit lewż fid-dar biex tipprofitta ruħek mill-benefiċċji li għandu.

# Il-Garage fejn jintrefa' l-Planċier

Il-Kumitat tal-Kazin jixtieq iżomm lill-Bandisti u l-Membri infurmati dwar dak li qed jiġri dwar il-garage fejn jintrefa' il-planċier artistiku tal-Banda.



Fl-10 ta' Jannar 2008 sar kuntratt bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Każin tal-Banda San Lawrenz biex parti mill-garage li hemm fuq tal-Ħawli jingħata b'kirja lill-Każin biex jintrefa' l-planċier. Dan beda jintuża wara l-festa ta' San Lawrenz tal-2008. Konna ilna nosservaw li meta tagħmel ix-xita kien qed jidħol l-ilma u s-sitwazzjoni bdiet tiggrava għaliex l-ilma beda jidħol mis-saqaf, mill-ħitan kif ukoll mill-qsim li hemm fl-art. Wara li l-kliem tagħna ġie injorat,tlabna lill-Kunsill Lokali biex waqt li l-planċier ikun armat, u l-parti tal-garage fejn jintrefa' plancier tkun vojta ssir spezzjoni konġunta flimkien ma' Perit biex tittieħed deċiżjoni dwar it-tiswija li kien hemm bżonn issir. Saru diversi kuntatti minnaħa tal-Każin biex niltaqgħu minhabba li bid-dhul ta' l-ilma l-hsara fuq dan il-progett kienet xi haga kontiwa u flimkien naraw kif tista' tissolva din is-sitwazzjoni iżda ma kien hemm ebda rispons min-naħa tal-Kunsill. Sadanittant irċevejna komunikat biex issir laqgħa għaliex kien hemm deciżjoni unanima tal-Kunsill biex jiġi rivedut il-kuntratt. Wara li tlabna biex inkunu mgħarrfa liema parti tal-Kuntratt il-Kunsill ried ibiddel ma smajna xejn aktar dwar dan.

Biex titnaqqas il-ħsara kontinwa li kienet qed issir il-Kumitat ħa ħsieb li fejn kien possibli l-armar jiġi elevat mill-art u fuq parir legali tqabbad Perit biex jagħmel rapport dwar id-deficjenzi li hemm fil-bini ta' dan il-garage, liema deficjenzi qegħdin jikkawżaw id-dħul tal-ilma. Ir-rapport tal-Perit datat 13 t' April 2013 intbagħat fl-ittra legali datata 14 ta' Novembru 2013. Wara li din l-ittra ġiet injorata, fl-14 ta' Jannar 2014 intbagħtet ittra ġudizzjarja lill-Kunsill Lokali biex jgħidu meta sejrin isiru t-tiswijiet.

Fid-19 ta' Frar 2014 il-Kunsill Lokali għarrafna li kien sejrin jibdew ix-xogħlijiet. Fuq parir legali l-Każin talab li jkollu konferma meta ser jibda x-xogħol u li l-Kunsill sejjer jagħmel tajjeb għaddanni. Din ukoll bħal ħafna korrispondenza oħra, ġiet injorata. Għalhekk wara li l-ħafna tentattivi u rieda tajba min-naħa tal-Każin fallew, inkluż tentattivi kbar biex issir laqgħa bejn iż-żewġ partijiet u li kienet kontinwament posposta fix-xahar ta' Settembru 2013, kontra l-volontà tiegħu l-Kumitat ma kellux triq oħra ħlief li jipproċedi bil-Kawża biex ma tkomplix issir ħsara lil dan il-planċier artistiku li qam nadwar kwart ta' miljun euro u li tant huwa ammirat minn kull min jarah.

# Wiċċ Imb'Wiċċ ma' Lawrence Pisani

*minn Paul Micallef*

Lil Lawrence ili nafu mindu kont għadni żgħir. Kien il-ġar tiegħi għax hu u l-familja tiegħu kienu (u l-familja tiegħu għadha) toqgħod fi Triq Hilda Tabone. Dak iż-żmien kien jisimha Triq Britannika, it-triq fejn trabbejt jien u fejn għad hemm joqogħdu ommi Karmena u ħija Manuel. Lil Lawrence kont qrib iktar tiegħu għax konna mmorru fl-istess skola sekondarja, dik tal-Liċeo tal-Ħamrun. Fil-fatt fis-sena li lħaqtu jmur dik l-iskola, għax hu erba' snin akbar minni, kont immur għalih quddiem il-bieb tad-dar tiegħu u mmorru it-tnejn flimkien bil-karrozza tal-linja għal-Lyceum.

**Il-Familja Pisani**

Minbarra li nafha personalment, il-familja Pisani li komunament hija magħrufa bħala tad-devernier (minhabba dverna li kellu n-nannu ta' Lawrence fit-triq li aħna insejħulha id-daħla, illum Triq Desain) hija magħrufa sew fil-komunità soċjali tal-Belt Vittoriosa. Dan għaliex fost raġunijiet oħra, il-missier Giovann (li diġà intervistajtu f'din ir-rubrika) flimkien ma' ibnu Manwel huma nies primi fis-sengħa tal-mastrudaxxi tant li fost xogħlijiet oħra huma kienu ħadmu l-bradelli għall-vari tal-Ġimgħa l-Kbira tal-parroċċa tagħna. U anke fl-aspett mużikali, il-familja Pisani, minn ġenerazzjoni għall-oħra, li Lawrence ukoll jagħmel parti minnha, ma tistax tifridha mis-soċjetà tagħna għax kwazi kulħadd idoqq strument (naturalment inkluż Lawrence) u anke attivi fl-istess każin. Fil-fatt minbarra bħala bandisti missier Lawrence, Giovann għal ħafna snin kien l-arkiviżta tal-każin u li llum dan ix-xogħol intwieret min-neputi Christopher.

**Il-Laqgħa tagħna**

Ma jistax jonqos li ltqajna l-każin tal-banda l-Ħadd wara nofsinhar u hemm fil-kwiet tal-kamra, hekk imsejħa l-persjana, bħal ta' qablu Lawrence ġentilment qagħad għan-numru ta' mistoqsijiet li jsawwru din l-interviżta għall-benefiċċju tal-qarrejja li nittama li huma numeruzi tal-kitba tiegħi.

**Informazzjoni Bażika**

Bħas-soltu nibdew mid-dettalji bażiċi. Lawrence twieled fit-13 ta'Gunju 1956 f'Nru 23, Triq Britannika, il-Birgu. Ommu Tereża xebba Raggio (kunjom ieħor li żgur m'għandu bżonn l-ebda introduzzjoni fil-Birgu) u kif diġà semmejt, missieru Giovann, b'ħuh wieħed Manwel li anke għamel żmien kellu sehem fl-organizzazzjoni tal-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-parroċċa tagħna. Ir-raġuni għal isem Lawrence jista' jkun li minbarra naturalment hu mill-Birgu u t-timbru ta' Lorenzu qiegħed hemm però wkoll kellu nanntu jisimha Lorenza.

**Tagħlim**

Bħala tgħalim bikri, bħal ħafna tfal daqsu, hu attenda l-iskola tas-sorijiet tal-Karmnu fil-Birgu stess, wara bħala skola primarja hu attenda dik tal-gvern f'dik li kienet tissejjaħ bħala l-iskola ż-żgħira u wara dik tal-fortini. Kif diġà semmejt għalkemm Lawrence kien għadda wkoll għas-seminarju, bħala skola sekondarja hu għazel u attenda dik tal-Liċeo.

Wara li spiċċa l-iskola sekondarja hu daħal jaħdem bħala skrivan m' importatur, u llum hu qiegħed ma' kumpanija magħrufa tax-shipping.

**Sengħa**

Meta staqsejtu għaliex qatt ma tħajjar għas-sengħa ta' missieru u ta' ħuh, dik ta' mastrudaxxa, imqar fuq bażi ta' part time hu weġibni li qatt ma kien miġbud lejn l-injam u ċ-ċana. Ukoll li minħabba f'hekk, missieru qajla kien jafdah b'xi biċċa xogħol jekk mhux xkatlar ħafif, stokk u jekk żebgħa, sal-undercoat biss.

**Familja**

Fuq bażi personali Lawrence illum hu miżżewweg lil Susan mill-Imsida u joqgħod Ta' Paris Birkirkara. Lawrence għandu żewġt itfal – Lorraine (jista' jonqos!) li llum għandha 32 sena u hija mara tad-dar u Andrew li għandu 26 sena, għarus u hu ggradwat fit-Taljan u Master fl-Istudji tat-Traduzzjoni. Barra minnhekk huwa wkoll membru fil-Kumitat Ċentrali u bandist ukoll. Ħaġa li ma kontx naf hu li Lawrence illum hu diġà nannu ta' Mark li għalkemm għandu 9 snin diġà beda jitgħallem il-mużika (kif jgħid il-Malti il-fula bint il-miżwed u r-razza dejjem tiġbed !) u Luke li għadu żgħir wisq biex naraw liema linja se jiġbed.

**Il-mużew**

Lawrence bħas-subien tal-era tiegħu l-ewwel kien jattendi l-qasam tal-mużew fejn għamel hemm sakemm kellu 14 il-sena sal-grad ta' magħżul. Hawn b'nostalġija (u anki jien ingħaqadt miegħu) Lawrence iddeskriva ż-żmien li għamel il-mużew bħala l-isbaħ żmien ta' ħajtu. Hu semma l-famużi *hikes* li ta' min jgħid li kienu *hikes* ta' vera, il-ħarġiet tal-Ħadd wara nofsinhar speċjalment meta kienu jmorru fil-post tal-mibki Santinu Zahra ix-Xagħjra, il-preparamenti tal-pasturi u l-grotti tal-Milied u tant attivitajiet oħra li l-mużew ta'dak iż-żmien kien jaf joħloq u hekk jiġbed tant tfal lejn l-oqsma tiegħu. (O żmien ħelu kif ħallejtni!). Sfortunatament illum mhux biss m'hemmx tfal iżda lanqas mużew tal-Birgu għad m' għandna!

**Għaqdiet Oħra**

Wara, ir-rotta soċjali naturali ta' dak iż-żmien, li jien ukoll ilħaqt minnha, kien li wara li nwarrbu ċ-ċomba tal-Verbum Dei tal-Mużew konna nersqu iżjed lejn il-pjazza u nidħlu fiċ-Ċentru Żgħażagħ Vittoriosa li kien immexxi minn Dun Lawrenz Bonnici. Dak iż-żmien ukoll kien għadu b'saħħtu il-Youth Centre immexxi minn Dun Pawl Camilleri. Hawn

iċ-ċentru tal-attività kienet is-sala fit-triq Desain fejn hawn għal bosta snin Ġanni Agius (jew kif konna insibuh Ġanni tal-Youth Centre jew bil-laqam tal-familja tar-romblu) kien imexxi l-bar ċentrali. Hu kien ukoll jieħu ħsieb il-logħob kollu li jsir ibda mill-billiard, it-table tennis u t-table soccer. (Żgur li t-talba famuża " tini ċomba Ġann" għal dawk tal-età ta' Lawrence u tiegħi għadha tidwi f'widnejkom). Għalkemm Lawrence qatt ma kien xi wieħed li jinkariga ruħu għall-kumitati, hu l-iktar li kien jieħu sehem kien fit-tijms tal-futbol li dak iż-żmien kienu jimlew il-ħin kollu tal-Ħadd fil-ground tal-fortini. Illum dan l-ispettaklu kalċistiku li kien jiġbed mijiet imdawwrin mat-touchline ħadulu l-car booth sale. Għal darb' oħra nistedinkom tingħaqdu miegħi. (O żmien ħelu kif ħallejtni!).

Lawrence ukoll kien jiffrekwenta l-każin tal-banda u anke kien dilettant tal-logħba tal-billiard li milli jidher kien tajjeb mhux ħażin tant li fis-sena 1987 kien anke rebaħ xi tazza. (Din bejnietna għażiż qarrej għax din l-informazzjoni sforz l-umiltà ta' Lawrence mhux suppost inkludejtha fl-artiklu!).

Imbagħad meta beda jitfarfar, Lawrence flimkien ma' sħabu li trabba magħhom fosthom Walter Attard, Lawrence Hili, Pawlu Aqulina u anki John Boxall (illum is-Sindku attwali) u oħrajn kienu wkoll jmorru it-talkies. Dawn kienu jmorru fis-sala tal-Parroċċa u anke r-Rialto Bormla (li dak iż-żmien kien fl-aqwa tiegħu). Wara anke bdew jitilgħu l-Belt jippassiġġaw Kingsway jew kif saret magħrufa wara Triq ir-Repubblika u jaraw xi film talkies fil-ħafna swali li kien hemm dak iż-żmien.

## Sehem ieħor

Meta staqsejtu dwar involviment ieħor f'oqsma oħra, hu qalli li bħal subien u ġuvintur tal-età tiegħu, fejn il-knisja kienet iċ-ċentru tal-ħajja soċjali, u għalhekk hu kemm kemm bill subgħajh f'diversi attivitajiet organizzati mill-fergħat tal-parroċċa. Hekk bħal sħabu hu kien jgħin lis-sagristan ta' dak iż-żmien Renzo Degabriele billi jirranġaw is-siġġijiet, jaħslu u anke jillostraw il-madum tal-art bil-pitrolju u s-serratura. (Forsi dak iż-żmien kien għad ma kellniex il-ħafna prodotti maġiċi li għandna illum!).

Bħala sehem tiegħu fil-Ġimgħa l-Kbira għal darb' oħra bħall-maġġoranza ta' tfal ta' tamparu l-ewwel libes iż-żimarra iġorr wieħed mill-misteri, wara abbati, darba refa' fil-monument, mbgħad meta beda jdoqq il-banda erħilu jonfoħ il-marċi ta' Giumarra, Melilli, Dalli, Fenech u l-oħrajn. Qalli wkoll li ġieli ta ġirja lill-istatwa ta' Kristu Rxoxt nhar Ħadd il-Għid.

Anke fil-festa għalkemm qatt ma nistgħu ngħidu li kien involut sew, ftakar li mhux l-ewwel darba li waqt l-armar Wenzu ta' Natal (Alla jaħfirlu!) kien itih xi sett pavaljuni jew bandalori biex jarmahom u hekk jidħol iktar fl-ispirtu tal-festa. Wara kollox Lawrence qalli li meta kien għadu żgħir hu kien iħobb jilgħab bil-knisja u bil-vari.

Meta staqsejtu jekk għandux xi memorja tal-passat, wara li ħaseb daqsxejn qalli li jiftakar li darba ta' tifel li kien kien xtara logħob tan-nar żgħir bl-isem tal-miġnuna. Din inzertat li kien fiha bomba u meta hu u kuġin xegħeluha fil-kantina, jiftakar tgħidx x'ħoss għamlet u kollha ħaduha bħala sorpriża.

**Magħmudija mużikali**

Għalkemm għal Lawrence kienet ħaġa naturali li jinġibed għall-arti mużikali u jibda jdoqq strument minħabba is-sehem ta' qrabatu, l-ikbar injection ma ħadhiex mingħand tal-familja iżda ħadha mingħand Wenzu Coleiro, magħruf bħala Coleiro tal-Karnival, illum mejjet. Darba minnhom fil-marċ ta' filghodu ta' San Lawrenz, meta wasal il-ħin biex jindaqq l-innu marċ ta' Frendo, dak li kien qed idoqq il-platti ma deherx u Lorry ħeġġeġ lil Lawrence, li kien ħdejh, biex jaqbad il-platti f' idejh, u jimxi fuq id-direzzjoni tiegħu. Dan meta Lawrence kienu għadu qatt ma daqq mal-banda!

**Alljiev tal-banda**

Din l-esperjenza ħeġġitu biex jibda jitgħallem strument għand l-assistent surmast ta' dak iż-żmien Pawlu Buttigieg. Hu żied li tant kien ikun hemm entużjażmu fost l-alljievi biex jitgħallmu strument u jibdew idoqqu mal-banda li minbarra li kienu jieħdu l-lezzjonijiet fil-każin, nhar ta' sibt kienu jmorru bil-mixi d-dar ta' Pawlu Buttigieg f'Ħaż-Żabbar biex jieħdu lezzjonijiet żejda ħalli jfittxu jitgħallmu u joħorġu mal-banda.

Fil-fatt hu ħareġ idoqq f'San Lawrenz tas-sena 1972 u mieghu kienu ħarġu jdoqqu Eugenio Pellicano, Toni Callus, żewġt aħwa Bordieri u l-aħwa Bruno.

## L-Għażla tal-istrument

Dwar l-għażla tal-istrument Lawrence qalli li hu minn dejjem ried li ma jkunx bħall-oħrajn u għalhekk għażel strument tal-qasba, is-saxophone. Fil-fatt anke l-istess surmast tal-banda ta' dak iż-żmien Hector Dalli kien għaddielu kumment li aħjar għażel strument tar-ramm bħal bqija tal-familja tiegħu.

## Bandist

Illum minbarra mal-banda tagħna Lawrence, li hu wkoll bandist propjetarju, idoqq ma'diversi baned f'marċijiet u kunċerti u anki ġieli ġie mitlub sabiex idoqq partijiet żgħar magħrufa bħala 'obbligati'. Lawrence ukoll kellu l-opportunità li jdoqq barra minn Malta, fl-Italja u t-Tuneżija.

## Restrizzjonijiet

Meta staqsejtu għaliex qatt ma tħajjar joħroġ għall-kariga fil-kumitat, hu qalli li kemm minhabba li llum m'għadux joqgħod il-Birgu u kemm minhabba n-natura tax-xogħol tiegħu li jista' jiġi mgħajjat f'kull ħin tal-ġurnata, ma jistax jidħol għal dan l-inkarigu responsabbli. Peroċ li hu żgur hu li minkejja l-ħafna talbiet li jkollu, l-ewwel preferenza dejjem jagħtiha lill-banda tagħna kif ukoll hu jagħmel parti mill-Kummissjoni Banda tal-istess għaqda.

## Opinjonijiet

Meta tlabtu l-fehma tiegħu dwar il-Birgu, hu weġibni li għalkemm dan ħa spinta kbira però għad hemm lok għal titjib fil-mentalità ta'xi wħud.

Dwar il-każin hu qalli li llum hu differenti miż-żmien li trabba hu. Minhabba li anke qed jitwieldu inqas tfal, dejjem qed tkun diffiċli biex tfal jersqu lejn il-każin u jitgħallmu strument bil-konsegwenza li qed ikun hemm inqas bandisti tal-post.

Hu saħaq li s-soċjetà taghna għandha sfidi kbar kontinwi li trid taqdef sew biex jintegħlbu. U żied li mal-medda taż-żmien, għalkemm naqset sew, però xi drabi jħoss li l-istigma kontra l-każin għadha ma spiċċatx għal kollox.

## Għeluq

Minkejja dawn id-diffikultajiet Lawrence xorta għalaq l-interviżta b'ton ottimist lejn il-futur tas-soċjetà li tant inħobbu, hi għal qalbna u li ntisġet mal-istess ħajja tagħna, is-Soċjetaċ Mużikali San Lawrenz.

# ATTIVITÀ GĦAX-XHUR TA' MEJJU - ĠUNJU 2014

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis 1 ta' Mejju** | Festa Pubblika Jum il-Ħaddiem |
| **Il-Ġimgħa 2 ta' Mejju** | Ħarġa  għal Għawdex għall-Irġiel |
| **L-Erbgħa 7 ta' Mejju** | Fl-10.00 am Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi |
| **L-Erbgħa 14 ta' Mejju** | Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Banda |
| **L-Erbgħa 21  ta' Mejju** | Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali |
| **Il-Ġimgħa 23 ta' Mejju** | Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Ġimgħa Kbira |
| **It-Tlieta 27 ta' Mejju** | **Mota tal-Erbgħat f'Ġieħ San Lawrenz** |
| **L-Erbgħa 28 ta' Mejju** | **L-Ewwel Erbgha f'Ġieħ San Lawrenz**<br>Miġja tal-Istatwa Titulari ta' San Lawrenz mir-Restawr<br>Fis-6.00 pm Ħruġ tal-Vara mill-Oratorju tal-Kurċifiss għall-Pjazza fejn issir Quddiesa.<br>Wara l-Banda Vittoriosana San Lawrenz tieħu sehem fil-proċessjoni bid-daqq ta' Innijiet Lawrenzjani<br>Fit-8.30 pm Ikla tal-Ewwel Erbgħa fil-bitħa tal-Każin |
| **L-Erbgħa 4 ta' Ġunju** | Fl-10.00 am Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi |
| **Is-Sibt 7 ta' Ġunju** | Festa Pubblika Sette Giugno |
| **It-Tlieta 10 ta' Ġunju** | Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali |
| **Il-Ħadd 15 ta' Ġunju** | L-Ewwel Tqarbina - Sehem tal-Banda San Lawrenz |
| **Is-Sibt 21 ta' Ġunju** | Fanfarra fil-Proċessjoni ta' Corpus li toħroġ mill-Knisja tal-Lunzjata<br><br>Fit-8.30 pm BBQ  f'Lukanda |
| **L-Erbgħa 25 ta' Ġunju** | Il-Banda San Lawrenz tieħu sehem fil-Festa tal-Madonna ta' Lourdes ġewwa l-Qrendi |
| **Il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju** | Festa tal-Qalb ta' Ġesù. Sehem tal-Banda San Lawrenz fil-proċessjoni |
| **Il-Ħadd 29 ta' Ġunju** | Festa Pubblika - L-Imnarja |

MIFSUD GARAGE LTD.

**IRONMONGERY**

**Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar**

*56, La Vallette Street, Vittoriosa*

*Tel: 2180 7535*

**Tower Ladder**

**ta' 18-il Metru għall-Kiri**

Irrikorru għand:

***Paul Cilia***

***Mob: 9949 9623***

# Breakaway Travel
## *Blacktown*

George Vella
Managing Director

94 Cnr Main & Campbell Street
BLACKTOWN NSW 2148
PO Box 27, BLACKTOWN NSW 2148

**Tel:** 02 9622 7799
**Fax:** 02 9671 6706
**Mobile:** 0408 079 246
**Email:** gvella@breakawaytravel.com.au

*Proud to be associated with the Committee of the St Lawrence Band Club, Vittoriosa, Malta*